

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) ta' l-10 ta' Diċembru 2007 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Rejonowy w Jaworznie — Ir-Repubblika tal-Polonja) — Piotr Kawala vs Gmina Miasta Jaworzna**

(Kawża C-134/07) <sup>(1)</sup>

*(L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Tassazzjoni interna għola għal prodott importat minn Stat Membru ieħor milli għal prodott simili mixtri fil-post — L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 90 KE — Taxxa fuq l-ewwel reġistrazzjoni li tapplika fuq vetturi użati importati)*

(2008/C 64/22)

Lingwa tal-kawża: Il-Pollakk

### Qorti tar-rinviju

Sąd Rejonowy w Jaworznie

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Piotr Kawala

Konvenuta: Gmina Miasta Jaworzna

### Suġġett

Talba għal domanda preliminari — Sąd Rejonowy w Jaworznie — Interpretazzjoni ta' l-Artikolu 90 KE — Imposta fuq il-ħruġ ta' karta ta' reġistrazzjoni ta' vettura ma' l-ewwel reġistrazzjoni fl-Istat Membru, b'ammont li jaqbeż b'mod kunsiderevoli l-ammont ta' l-imposta għall-ksib ta' kopja ta' karta ta' reġistrazzjoni ta' vettura — Prinċipju ta' newtralità ta' l-imposti nazzjonali fir-rigward tal-kompetizzjoni bejn prodotti li jinsabu diġà fuq is-suq nazzjonali u prodotti importati

### Dispożittiv

L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 90 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi taxxa, bħal dik prevista fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tad-deċiżjoni tal-Ministru Pollakk ta' l-Infrastruttura tat-28 ta' Lulju 2003, dwar l-ammont ta' taxxa li għandha titħallas sabiex jinkiseb ċertifikat ta' reġistrazzjoni, li fil-prattika hija applikabbli għall-ewwel reġistrazzjoni ta' vettura użata importata minn Stat Membru ieħor, u mhux għall-akkwist fil-Polonja ta' vettura użata fejn din tkun diġà reġistrata.

<sup>(1)</sup> ĠU C 95, 28.4.2007.

**Appell imressaq fit-3 ta' April 2008 minn Jean Yves Sellier kontra d-digriet tal-Qorti ta' Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) mogħti fil-15 ta' Jannar 2007 fil-Kawża T-276/06, Sellier vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-191/07 P)

(2008/C 64/23)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: Jean Yves Sellier (rappreżentant: J.Y. Leeman, avocat)

Parti oħra fil-kawża: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

B'digriet tat-18 ta' Settembru 2007, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ħadhet l-appell u ordnat lil J.Y. Sellier ibati l-ispejjeż tiegħu.

**Appell imressaq fid-19 ta' Novembru 2007 minn Saint-Gobain Glass Deutschland GmbH kontra d-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tielet Awla) fil-11 ta' Settembru 2007 fil-kawża T-28/07, Fels-Werke GmbH, Saint-Gobain Glass Deutschland GmbH, Spenner-Zement GmbH & Co. KG vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**

(Kawża C-503/07 P)

(2008/C 64/24)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Saint-Gobain Glass Deutschland GmbH (rappreżentanti: H. Posser u S. Altenschmidt, Rechtsanwältin)

Partijiet oħra fil-kawża: Fels-Werke GmbH, Spenner-Zement GmbH & Co. KG, Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej